# 86 skola jagħmlu l-inizjattiva prinċipali ta' BirdLife Malta fl-edukazzjoni ambjentali suċċess

## Il-programm Dinja Waħda 2016 iċċelebrat b'ċerimonja tal-premjazzjoni fiċ-Ċentru ta' Riżorsi fil-Wardija

86 skola minn madwar Malta u Għawdex illum kienu ppremjati għas-suċċessi li kellhom waqt is-sena skolastika 2015-2016 fi ħdan il-programm Dinja Waħda li hu l-akbar programm ta' edukazzjoni ambjentali f'Malta mmexxi minn BirdLife Malta bil-kollaborazzjoni tad-Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni u bl-appoġġ tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta.

Ir-rikonoxximenti annwali ta' Dinja Waħda kienu ppreżentati waqt ċerimonja ta' premjazzjoni li saret fiċ-Ċentru ta' Riżorsi Dun Manwel Attard (Kulleġġ Maria Reġina) fil-Wardija dalgħodu mis-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, l-Innovazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport Chris Agius li f'messaġġ qasir saħaq fuq il-ħtieġa ta' aktar edukazzjoni barra mill-klassi għax b'hekk it-tfal jitgħallmu ħafna ħiliet ġodda. Hu faħħar il-programm Dinja Waħda u lil BirdLife Malta tax-xogħol li qed tagħmel fl-iskejjel b'rabta man-natura u rringrazzja wkoll lill-għalliema u lill-kapijiet tal-iskejjel għall-ħidma siewja fil-qasam tal-edukazzjoni ambjentali.

Minbarra li serviet bħala ċelebrazzjoni tas-suċċess tal-involviment tal-iskejjel tul l-aħħar sena skolastika, iċ-ċerimonja tal-lum immarkat ukoll il-bidu ta' sena ġdida għal dan il-programm. Dawk preżenti ġew aġġornati wkoll bil-kisbiet u l-avvvenimenti prinċipali tal-programm Dinja Waħda matul l-aħħar sena skolastika.

L-inizjattiva Dinja Waħda ta' BirdLife Malta tifforma parti mill-impenn tal-NGO biex tħares in-natura u l-ħabitats permezz ta' attivitajiet barra mill-klassi għat-tfal tal-iskejjel kemm fil-grawnds tal-iskola stess kif ukoll bi żjarat fir-riservi naturali ta' Malta biex tgħinhom jirrelataw aktar man-natura. Dan il-programm ilu għaddej aktar minn 20 sena.

Matul l-attività tal-lum 55 skola ngħataw il-Gold Award għar-riżultati eċċellenti li kisbu fl-edukazzjoni ambjentali, 6 kienu ppreżentati bis-Silver Award, 3 rċivew il-Bronze Award u 23 skola oħra kienu ppremjati b'Ċertifikat. Minbarra f'dawn, jingħata wkoll il-Blue Banner Award lil dawk l-iskejjel li jkunu rebħu l-Gold Award

għal tliet snin jew iktar. Huma 22 b'kollox l-iskejjel li ħadu dan il-premju, 3 minnhom għall-ewwel darba.

Għal din is-sena skolastika qed tiġi mnedija attività ġdida msejħa Dinja Waħda Rangers li tħeġġeġ lill-istudenti janalizzaw kemm l-iskola tagħhom hi *nature friendly* bl-iskop li jieħdu passi biex itejbu s-sitwazzjoni. B'hekk jittrasformaw il-grawnds tal-iskola tagħhom fi spazju adattat għall-bijodiversità u biex l-istudenti tal-iskola jkunu jistgħu jgawdu aktar l-ispazji miftuħa fl-iskola stess.

F'isem BirdLife Malta għamlet messaġġ qasir Desirèe Falzon, waħda mill-koordinaturi tal-programm Dinja Waħda li tkellmet dwar riċerka li turi li t-tfal tal-ġenerazzjoni tal-lum huma neqsin ħafna mill-kuntatt man-natura u saħqet għalhekk fuq l-importanza ta' programmi bħal dawn kif ukoll appellat lill-għalliema biex ma jibżgħux joħorġu t-tagħlim barra mill-klassi ħalli jnisslu fit-tfal imħabba lejn in-natura. Hi qalet li hu b'dan it-tip ta' kuntatt it-tfal irabbu l-valuri meħtieġa biex jitgħallmu jieħdu ħsieb l-ambjent ta' madwarhom fl-istil ta' ħajja li jgħixu.

Imbagħad is-Segretarju Parlamentari Agius qassam il-premjijiet lill-iskejjel, akkumpanjat minn Hannah Chisholm, l-Education Manager ta' BirdLife Malta li propju din il-ġimgħa qed ittemm tliet snin ta' ħidma siewja f'din il-kariga ma' BirdLife Malta biex tidħol għal sfida ġdida.

**TMIEM**

**Nota għall-edituri:**

- Fost l-avvenimenti prinċipali tal-programm Dinja Waħda fl-aħħar sena skolastika kien hemm l-attività 'Foster a Forest' marbuta mar-riserva naturali Foresta 2000 ta' BirdLife Malta li l-għan tagħha hu li tiġbor donazzjonijiet u tqajjem kuxjenza dwar l-importanza tas-siġar. L-ammont ta' flus miġbura minn din l-attività kien biżżejjed biex tiġi 'adottata' zona ta' 3,383$m^2$ f'Foresta 2000 għal perjodu ta' sena.
- Mis-sessjonijiet ta' taħriġ għall-għalliema biex jassistu lill-iskejjel biex jużaw bl-aħjar mod ir-riżorsi tal-programm ibbenefikaw 168 għalliem u għalliema. Saru sessjonijiet bħal dawn fi 8 skejjel.
- Matul is-sena skolastika 2015-2016 l-iskejjel primarji u sekondarji kienu offruti total ta' 276 ġurnata ta' *field teaching* li ngħata minn 3 *field teachers*. Dawn iż-żjarat marbutin mal-kurrikulu li kienu mifruxin tul is-sena laħqu total ta' 5,890 student u studenta.
- BirdLife Malta nidiet ukoll pubblikazzjoni ġdida fil-forma ta' *take home activity booklet* biex tħeġġeġ aktar familji jesploraw dak li għandha x'toffri n-natura wara ż-żjarat tal-istudenti fir-riservi naturali.
- Kienu offruti wkoll taħditiet fil-klassijiet li fihom ipparteċipaw 40 skola differenti u għalihom attendew 2,215 tifel u tifla tal-iskola.

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli:**
Il-programm Dinja Waħda ta' BirdLife Malta

http://birdlifemalta.org/education/dinja-wahda/
https://www.facebook.com/DinjaWahda/?fref=nf

Biex issir membru ta' BirdLife Malta
http://birdlifemalta.org/become-member/

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/yZrNsfQTb7**

- Għażla ta' ritratti miċ-ċerimonja tal-premjazzjoni tal-programm Dinja Waħda li saret dalgħodu (it-titli jinsabu fir-ritratti) *Ritratti ta' Iryna Lukashuk*